inqisuh biss bħala kittieb għalkemm il-kitba tiegħu bil-kemm tista' tifridha mill-ħedma tiegħu ta' qassis. Bħala kittieb Dun Karm hu poeta, poeta kbir, l-akbar poeta Malti. Twieled poeta; f'żgħużitu kiteb ġmiel ta' versi bit-Taljan imfaħħrin saħansitra minn Taljani; fi rgħulitu, mis-sena 1912 sal-lum, kiteb bil-Malti biss. Fuq il-ġmiel letterarju tal-poeżija ta' Dun Karm inħallu li jitkellem ħaddieħor. Hawn ngħidu biss li Dun Karm bil-poeżija tiegħu għolla l-lsien Malti mhux biss f'għajnejn il-barranin li qraw maqlubin fi lsien ieħor ħafna mill-poeżijiet tiegħu, imma f'għajnejn l-egħdewwa wkoll li stagħġbu u tbikkmu meta raw li bil-Malti tista' tinkiteb poeżija bħalma hi "Il-Jien u lilhinn Minnu." Dun Karm għolla ġieħ il-Malti, u bis-saħħa tiegħu l għanja Maltija nstemgħet tidwi f'bosta pajjiżi. Barra mill-poeżija li kiteb, Dun Karm ġibed u mexxa warajh fit-triq tal-poeżija kotra ta' żgħażagħ li, msaħħrin mill-ġmiel tal-għanja tiegħu, tħajru jgħannu huma wkoll it-tfawwir ta' qalbhom żagħżugħa. U hu, l-Poeta, l-Imgħallem, il-Ħabib, il-Missier, b'sabar u b'imħabba tal-għaġeb, iwieżen lil dawk iż-żgħażagħ fl-ewwel tiġrib tal-għana, jagħmlilhom il-qalb, iħajjarhom u dejjem bi tbissima fuq xufftejh u l-hena jiddi f'għajnejh. Ħadem għall-Malti Dun Karm u l-ħedma tiegħu ma sfatx fix-xejn.

Bħala kittieb ta' proża, Dun Karm ma għandux post għalih. Ma kitebx wisq, u l-ftit li kiteb tħoss fih dik ix-xejra ta' poeżija li toħroġ weħidha minn qalb il-kittieb. Il-proża ta' Dun Karm, għal dak li huma ħsebijiet u xbihat, aktar joqogħdilha l-isem ta' poeżija. Ara fost l-oħrajn il-"Leġġenda ta' *I Sepolcri*".

Dun Karm, bħal kittieba oħra tal-Malti, kellu l-egħdewwa tiegħu, u għax kien kittieb kbir, l-egħdewwa kienu kbar u ħorox. Riedu jħabblu l-ħedma tiegħu ma' fehmiet li fihom ma kienx imdaħħal; riedu jitfgħu għajb

I love thee with the breath,
Tears & sorrow of my life, &
if God wills I shall love thee better after death.



fuq ismu; imma Hu żamm dejjem sħiħ. Fehmitu kienet safja, ma kellux u la mniex jistħi u lanqas mniex jibża'. Għalkemm qalbu, li dejjem ħabbet, weġġgħet, hu ħafer l-egħdewwa, baqa' miexi fit-triq li kien fiha, u t-tajn li tefgħulu tar lura minn fuqu u ħammeġ lil min te-fagħhulu. Qalb ta' min iħobb 'l Alla u 'l għajru.

P. P. Saydon

# IL-LUM

## ( LILL-KWIEKEB )

O kwiekeb tas-smewwiet, jien naf li rajtu
Għamil aħrax fil-ġrajja tal-bnedmin,
U rgħextu meta Abel ħallasha b'ħajtu
L-għira miġnuna minn ta' ħuh Kajjin;

U nstartu wara sħab iswed, għax stħajtu
Meta slaten qattiela w ħallelin
Ħammru xmajjar bid-demm u n-nisa għajtu
Għajjat ta' ħasra fuq il-maqtulin:

Iżda jien naħseb illi qatt kefrija
Hekk ħarxa u bierda, hekk melliesa w ħajna
Ma dehret bħal tal-lum qalb ġnus jew bhejjem;

U ma nistagħġeb xejn jekk imbikkija,
Għajnejn sbieħ tas-smewwiet, fil-għajb ta' wrajna
Tingħalqu u tibqgħu magħluqin għal dejjem.

Dun Karm.

Novembru, 1941.